| | |
|---|---|
| **Lesson** | Year 3 – 6.6 – Religion (pere ezempju) |
| **Select Learner Year & Subject** | Year 3 – 6.6 – Religion (pere ezempju) |
| **Lesson Duration** | 45 min |
| **Lesson Title** 1 of 12 max words. | **U raw il-ġebla mgerrba... u l-qabar vojt** |
| **Short Description** | Illum ħa naraw kif tkompli l-istorja ta' meta Ġesù miet għalina. Xi nisa marru kmieni ħdejn il-qabar ta' Ġesù. Żewġ anġli qalulhom li Ġesù kien qam. Meta tnejn mill-appostli ndunaw li l-Imgħallem tagħhom kien qam tassew mill-mewt riedu jtiru bil-ferħ. Huma ġrew lura biex jgħidu lill-appostli l-oħra. Meta Ġesù qam mill-mewt, hu wriena li t-tajjeb huwa aqwa mill-ħażin. Ġesù qam mill-mewt biex jurina li aħna, wara din il-ħajja, nistgħu mmorru l-ġenna. |
| **Lesson Description, Explain how the lesson should be carried out** | 1. Aqra dan li ġej: Wara li Ġesù ġie mqiegħed fil-qabar, xi nisa li kienu qrib ta' Ġesù kien bi ħsiebhom jieħdu xi fwejjaħ u dlik fil-qabar il-Ħadd filgħodu kmieni. Dan ma setgħux jagħmluh fil-jum tas-Sibt għax kienu jmorru kontra d-drawwa tagħhom tal-Lhud.<br>Issa ara l-klipp *He is Risen*<br>https://www.youtube.com/watch?v=ajbQxe3lgWA<br>2. biex tara x'ġara meta sebaħ il-Ħadd filgħodu.<br>3. Tista' twieġeb dawn il-mistoqsijiet: Lil min deher l-ewwel Ġesù? Meta għarfitu Marija Madalena?<br>4. Hawnhekk naraw li Ġesù jaf lil kull wieħed u waħda minna. Anke meta aħna nitbiegħdu minnu Hu jibqa' jiġri warajna u jħobbna. X'ħin għarfet lil Ġesu' Rxoxt, Marija Madalena marret tiġri tgħid lid-dixxipli.<br>Ġesù qam tassew. Ara d-diska *Hallelujah Praise the Lord.*<br>https://www.youtube.com/watch?v=8pbNBKK2jA0<br>5. Issa aħseb ftit: Inti lest/a biex turi kemm Ġesù jħobbna lil dawk ta' madwarek?<br>6. Issa sib worksheet 6.6 u wara li taqra s-silta mogħtija, poġġi l-ġrajja tal-Qawmien fl-ordni li seħħet.<br>7. Aqra s-sentenza ta' Attività 2 u aħdem dak li hu mitlub minnek.<br>8. Aqra l-istorja ta' Peter u imla l-vojt.<br>9. Agħmel talba fuq din il-lezzjoni u jekk trid għid lil min qed jieħu ħsiebek biex jitlob miegħek. |
| **Featured Image** | Sib stampa u anke jekk taghmel il-link taghha. |
| **Video Link** | |
| **Upload Resources** | Kemm tiktibli x'hemm fil-lesson. Attachments niehu hsieb jien. |